MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 421/2003

**Joseph Pizzuto**

**vs**

**Anthony Dalli**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Frar, 2003, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u erba' u erbghin lira Maltin u tnax il-centezmu (Lm344.12) rappresentanti danni kkawzati mill-konvenut f-incident awtomobilistiku li sehh fit-3 ta' Ottubru 2002 fit-12.15pm, l-Imsida meta waqt li l-konvenut bil-vettura tieghu baqa' diehel fil-vettura tal-attur bin-numru tar-registrazzjoni IAJ 197, u liema ncident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba negligenza,

traskuragni, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.
Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-attur li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u erba' u erbghin lira Maltin u tnax il-centezmu (Lm344.12), bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------